



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

9.4.2014

B7-0316/2014

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 120 tar-Regoli ta' Proċedura
dwar ir-rwol ta' ġenerazzjonijiet żgħażaġh fl-UE

Silvia-Adriana Țicău

RE\1026404MT.doc

PE533.830v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

B7-0316/2014

Mozzjoni għal risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-rwol ta' ġenerazzjonijiet żgħażaġh fl-UE

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-UE għaż-żgħażaġh,
 - wara li kkunsidra l-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 120 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi r-rata ta' qgħad fost iż-żgħażaġh fl-UE kienet aktar mid-doppju tar-rata ta' qgħad fost l-adulti fl-aħħar tliet xhur tal-2012 (23.3 % meta mqabbla ma' 9.3 %);
- B. billi ċ-ċittadini żgħażaġh tal-UE jixtiequ jikkontribwixxu għall-iżvilupp tas-soċjetà, li jkunu involuti fid-dibattitu Ewropew u li l-opinjoni jiet tagħhom jiġu kkunsidrati;
- C. billi l-Inizjattiva favur l-Impjieġ għaż-Żgħażaġħ għandha l-għan li żżid l-ammont ta' appoġġ finanzjarju mogħti permezz tal-Fondi Strutturali tal-UE lil reġjuni b'rati ta' qgħad fost iż-żgħażaġh li jaqbżu l-25 %;
1. Jistieden lill-Istati Membri jinkoraġġixxu u jappoġġaw l-inizjattivi favur iż-żgħażaġh bħall-Parlament taż-Żgħażaġħ Ewropej u l-Portal taż-Żgħażaġħ Ewropej, bil-għan li jiffaċilitaw it-tagħlim ta' ħilet soċjali u professjonali, li jqajmu kuxjenza dwar kwistjonijiet Ewropej, li jinkoraġġixxu ċittadinanza Ewropea attiva u li jimmotivaw l-istudenti biex jinvolvu ruħhom f'dibattitu Ewropew;
 2. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mir-riżorsi finanzjarji disponibbli mill-fondi tal-UE biex iżidu l-involviment tal-ġenerazzjonijiet żgħażaġh fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet, biex jagħtuhom aċċess għall-edukazzjoni u biex joħlqu opportunitajiet reali għaż-żgħażaġh.